MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 107/2003

**Ritescan Co. Ltd.**

**vs**

**Az-Ink Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm1,948.68 (elf, disa' mija u tmienja u erbghin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu), jew somma verjuri, rapprezentanti bilanc ta' ammont akbar dovut mis-socjeta' konvenuta ghall-servizzi rezi u merkanzija kkonsenjata u mhux imhallsa.

Bl-ispejjez, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li gie ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-

gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-28 ta' April, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------